MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 385/2007

**Antoine Micallef, Dennis Micallef, Renato Micallef ilkoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem 'Micallef Fish Shop'**

**Vs**

**Mario Xuereb u Julie Xuereb**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 2008, permezz ta' liema, l-atturi talbu lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuhom s-somma ta' erbat elef, sebgha mija, disgha u tletin lira Maltin u sebgha centezmi (LM4,739.07) (ekwivalenti ghal 11,039.06 Euro) rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha lil Mario Xuereb fuq ordnijiet tieghu stess li baqa' ma thallasx, oltre l-imghaxxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi ndikati fuq il-prospett esebit u mmarkat Dok. 'A' sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mill-ligi.

Nonostante li s-Sur Mario Xuereb gie nterpellat sabiex ihallas diversi drabi, inkluz b'ittra bonarja datata tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2007 (esebita w immarkata bhala Dok. 'B'), il-konvenuti baqghu nadempjenti.

Is-Sinjorina Julie Xuereb (detentrici tal-karta tal-identita numru 12910M) tigi mart il-konvenut Mario Xuereb u ghaldaqstant qed tiddahhal f'dawn il-proceduri ghal kull interess li jista jkollha.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors.

Il-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat illi il-konvenuti kienu debitament notifikati bl-avviz in kwistjoni, kif jirrizulta minn ezami tal-process w appuntu minn tergo ta' fol. 20, fejn hemm it-timbri tal-Marixxal Mario Genius datat sitta (6) ta' Mejju 2008.

Illi fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Gunju 2008 l-atturi pprezentaw kapitolu fil-konfront tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tas-sittax (16) ta' Gunju 2008, il-konvenuti gew imsejha tlett darbiet, izda ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba attrici, u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti mill-atturi u semghet lill-avukat difensur tal-atturi jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba attrici tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef, sebgha mija, disgha u tletin lira Maltin u sebgha centezmi (LM4,739.07), (ekwivalenti ghal 11,039.06 Euro), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------